MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 29/2013

**Rikors Numru. 29/13**

**Vincent Debono**

**Vs**

**Malta Resources Authority**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti li gie pprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti ipprezenta talba mal-Awtorita` appellata sabiex jigi ezentat milli jottempera ruhu ma' ordni sabiex jaghlaq groundwater source numru 1594/08 li tinsab fil-fond "Chateau", 16, Triq ta' Fuq il-Widien, Mellieha, moghti lilu ai termini tal-A.L. 241/2010.*

*Illi l-esponenti gie recentement notifikat b'decizjoni tal-Awtorita` appellata, datata 27 ta' Gunju 2011, li biha l-imsemmija talba tieghu giet michuda.*

*Illi l-esponenti hassu aggravat bl-imsemmija decizjoni u qed jinterponi dan l-appell mill-istess decizjoni.*

*Illi l-istess decizjoni fiha diversi zbalji materjali ta' fatt inter alia li:*

1. *Fl-imsemmija decizjoni jinghad li l-esponenti ghandu hames groundwater sources ohra. Dan mhux minnu billi effettivament wahda mill-imsemmija sorsi ma fihiex ilma u tlieta ohra fihom biss ilma salmastru u ghalhekk inutilizzabbli, filwaqt li l-hames wahda tintuza ghal skopijiet agrikoli f'razzett li jinsab ferm 'il boghod minn fejn tinsab il-groundwater source mertu ta' dan l-Appell.*

2. *Fl-istess decizjoni jinghad illi l-groundwater source mertu ta' dan l-appell tintuza sabiex tintela swimming pool. Effettivament dan l-asserzjoni mhix korretta billi l-groundwater source in kwistjoni tintuza ghal skopijiet agrikoli ossia sabiex jassaqqew dwieli u sigar taz-zebbug sitwati f'art agrikola li l-esponenti ghandu bi qbiela minghand il-Gvern ta' Malta.*

3. *Ghalhekk, minkejja li l-groundwater source in kwistjoni tinsab f'fond residenzjali effettivament din tintuza ghal skopijiet agrikoli u ghalhekk ghandha tibbenifika mill-ezenzjoni koncessa mil-ligi.*

*Ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan il-Bord li joghgbu jhassar id-decizjoni tal-Awtorita` appellata u datata 27 ta' Gunju 2011 u minflok jilqa' t-talba tal-esponenti sabiex tinghata l-ezenzjoni mill-effetti tal-A.L. 241/2010 fir-rigward tal-groundwater resource hawn fuq riferita."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata li eccepiet is-segwenti:

"

1. *Illi bi twegiba ghall-ewwel aggravju tal-appellant jigi sottomess mill-esponenti li meta l-Awtorita` semmiet fid-decizjoni taghha li s-sur Vincent Debono ghandu hames sorsi ohra registrati f'ismu ma ghamlet ebda zball materjali ta' fatt, billi hija ma ghamlet ebda konsiderazzjoni dwar l-istat li allegatament jinsabu fihom l-imsemmija sorsi, u li del resto l-ezistenza ta' dawk is-sorsi hija immaterjali ghas-sostanza tad-decizjoni taghha li hija msejsa fuq dak li huwa stabbilit mir-regolament 17 tar-Regolamenti dwar il-Metering tal-Ilma li Jittella minn Taht l-Art. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ebda prova ma nghatat biex tissurroga dak li gie allegat mill-appellant.*

2. *Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant, l-Awtorita` kkonfermat li s-sors mertu ta' dan l-appell jintuza wkoll ghal mili ta' swimming pool permezz ta' spezzjoni fuq is-sit li saret mill-ispetturi taghha (ara dok 1 anness, rapport dwar spezzjoni tas-26/5/2011) u kif ukoll kkonfermat mill-appellant innifsu bil-kontrassenja tal-istess rapport.*

3. *Illi ghar-rigward tat-tielet aggravju tal-appellant, l-Awtorita` tissottometti li l-hekk imsejha ezenzjoni koncessa mil-ligi fil-fatt ma tezistix gjaladarba s-segwenti huma l-unika eccezzjonijiet li taghti l-ligi ghar-rigward tal-gheluq ta' sorsi domestici tal-ilma ta' taht l-art:*

*"17. (1) L-Awtorita`* ***ghandha*** *tordna l-gheluq ta' kull sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art fi zmien sitt xhur mid-dhul fis-sehh ta' dawn ir-regolamenti hlief ghal kull sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art:*

*(a) Li ma jkollu ebda pompa jew apparat mekkaniku iehor installat jew uzat biex jittella' l-ilma minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art; jew*
*(b) Li jkun jinsab go fond residenzjali li ma jkunx jista' jigi fornut bi provvista kostanti ta' ilma mill-Korporazzjoni skont ir-Regolamenti tal-1948 dwar il-Fornitura tal-Ilma, minhabba biss li n-network pubbliku ghad-distribuzzjoni tal-ilma jkun jinsab iktar minn 50 metru mill-eqreb punt tal-fond residenzjali; jew*
*(c) Li tingieb prova dwaru mill-utent ta' dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art li jkun proprjeta' kulturali taht l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali; jew*
*(d) Li jkun dikjarat mill-utent permezz ta' affidavit mahluf quddiem Kummissjunarju b'setgha li jaghti guramenti bhala sors:*
*(i) Li jkun uzat biss ghal finijiet domestici mill-abitazzjoni domestika tal-utent; u*

*(ii)* *Li minnu l-produzzjoni tal-ilma li jittella' minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art ma tkunx teccedi metru kubu kull jum; u*

*(iii)* *L-ilma li jittella' mis-sors tal-ilma ta' taht l-art ikun mill-akwifer ta' fuq it-tafal.*

*Illi l-appellant ma gab l-ebda prova li huwa jissodisfa xi wiehed mill-kriterji li setghu ezentawh mill-ordni li nghata mill-Awtorita` biex tinghalaq il-borehole. Illi galadarba l-appellant ma setax jigi ezentat minn xi raguni msemmija mil-ligi, l-Awtorita` ma kellhiex triq ohra ghajr li tordna l-gheluq tal-borehole.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost u filwaqt li tirrizerva li tressaq sottomissjonijiet, xhieda u provi dettaljati in sostenn tar-risposta u l-pozizzjoni taghha, l-Awtorita` esponenti titlob bir-rispett li l-Bord tal-Appelli, joghgbu ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk li jistghu jirrizultaw ulterjorment waqt is-smiegh tal-appell, jirrifjuta t-talbiet tal-appellant u li jikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` fil-konfront tal-appellant."*

Ra illi dan l-appell gie assenjat lil dan it-Tribunal sussegwentement ghad-dhul *in vigore* tal-Avviz Legali 148 tal-2012 fejn dan it-Tribunal sar kompetenti jisma' appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita` intimata, inkluz dawk li kienu ghadhom pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Ra l-atti kollha, inkluz dawk sottomessi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Sema' lir-rikorrent fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2014;

Sema' wkoll lil Eman Vella fis-seduta tas-17 ta' Frar 2014 u lil Miriam Micallef Sultana fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2014;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Ra li l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent intavola l-appell odjern peress li hassu aggravat bid-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Gunju 2011 fejn bazikament gie mgharraf li s-sors ta' ilma ta' taht l-art li kien jinsab fir-residenza tieghu kellu jigi maghluq u dan peress li ma kienx jikkwalifika li jibqa' operattiv ai termini ta' Regolament 17 tar-Regolamenti Dwar il-Metering tal-Ilma li Jittella' minn taht l-Art (L.S. 423.40).

Illi r-rikorrent kien applika biex jinnotifika l-istess sors ta' ilma fil-5 ta' Novembru 2008 u cioe meta kien hemm miftuha skema tal-Awtorita` intimata biex kull minn kellu sors ta' l-ilma ta' taht l-art jirregistrah mal-istess Awtorita`.

Illi wara li giet sottomessa l-imsemmija applikazzjoni, u wara li saret spezzjoni da parti tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata, l-istess Awtorita` harget ordni sabiex l-istess sors jinghalaq.[1] Illi sussegwentement, jirrizulta mid-decizjoni tas-27 ta' Gunju 2011, li r-rikorrent kien talab lill-Awtorita` intimata sabiex l-istess Awtorita` tezentah milli jaghlaq l-istess sors peress li kellu bzonn l-ilma mtella' minnu biex isaqqi numru ta' ghelieqi li huwa ghandu.[2]

Madankollu permezz tad-decizjoni fuq citata, l-istess Awtorita` kienet tal-fehma illi s-sors li kellu r-rikorrent fir-residenza tieghu ma jistghax jigi ezentat ghaliex ma kienx jaqa' fil-parametri dettati mil-ligi ghal tali ezenzjoni.

---

[1] Liema ordni mhix esebita fil-process
[2] A fol. 9 sa 11 tal-process

Illi r-rikorrent da parti tieghu jargumenta illi siccome` l-ilma li qed jigi estratt qieghed jintuza primarjament biex isaqqi l-prodott tar-raba, allura l-Awtorita` intimat ma setghetx tirrifjuta t-talba tieghu biex izommu operattiv.

L-istess rikorrent esebixxa set ta' *aerial views* tal-estensjoni tal-ghelieqi tieghu u jikkontendi li l-ilma li jtella' mill-*borehole* in kwistjoni jghabbih go *bowser* biex ikun jista' jsaqqi l-prodott tal-istess raba.

Illi l-mertu ta' dan ir-rikors huwa regolat permezz tar-**Regolamenti dwar il-Metering Tal-Ilma Li Jittella Minn Taht L-Art** (Legislazzjoni Sussidjarja 423.40). Illi skond Regolament 1 (2), l-ghan ta' dawn ir-Regolamenti kien li jigi kalkulat permezz ta' *meter* l-ilma li jittella' minn taht l-art.

Illi ai termini tar-Regolament 3, is-sorsi kollha tal-astrazzjoni tal-ilma ta' taht l-art:-

*"(a) li ġew mħaffra jew imkabbra qabel is-sena 1955:*

*Iżda dawk is-sorsi ta' ilma ta' taħt l-art biss li, skont id-dokumenti tal-Awtorità, jidhru li ġew imħaffra jew imkabbra qabel is-sena 1955 għandhom jiġu kunsidrati mill-Awtorità li ġew hekk imħaffra jew imkabbra; jew*

*(ċ) li ġew notifikati b'mod validu bħala sorsi ta' ilma ta' taħt l-art lill-Awtorità skont ir-Regolamenti dwar in-Notifikazzjoni ta' Sorsi tal-Ilma ta' Taħt l-Art; jew*

*(d) li kienu qed jiġu wżati jew li ġew mibnija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u li qegħdin jintużaw mill-Korporazzjoni,"*

kellhom ikunu mkejla b'*meter* mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma jew mill-kuntrattur imqabbad minnha u hekk kif ordnat mill-Awtorita`  ta' Malta dwar ir-Rizorsi.

Illi mill-atti jirrizulta illi r-rikorrent kien innotifika s-sors in kwisjtoni permezz ta' applikazzjoni datata 5 ta' Novembru 2008.[3]

Illi mbaghad l-istess Regolamenti, ai termini tal-artikolu 17 jaghtu setgha lill-Awtorita` intimata li tordna l-gheluq ta' kull **<u>sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art</u>**, hlief ghal dak is-sors:

*"(a)  li ma jkollu ebda pompa jew apparat mekkaniku iehor installat jew uzat biex jittella' l-ilma minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art; jew*

*(b)   li jkun jinsab go fond residenzjali li ma jkunx jista'jigi fornut bi provvista kostanti ta'ilma mill-Korporazzjoni skont ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma, minhabba biss li n-network pubbliku ghad-distribuzzjoni tal-ilma jkun jinsab iktar minn 50 metru mill-eqreb punt tal-fond residenzjali; jew*

*(c)  li tingieb prova dwaru mill-utent ta' dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art li jkun proprjeta`kulturali taht l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali jew li jkun pruvat li jinsab proprjeta` skedata kif imsemmi fl-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp; jew*

*(d) li jkun dikjarat mill-utent permezz ta' affidavit mahluf quddiem Kummissarju b'setgha li jaghti Guramenti u li jkun pruvat minn dak  l-utent permezz ta' provi dokumentati inekwivokabbli li jinghataw lill-Awtorita` li jkun sors:*

*(i) li jkun uzat biss ghal finijiet domestici mill-abitazzjoni domestika tal-utent; u*

*(ii) li minnu l-produzzjoni tal-ilma li jittella'minn dak is-sors tal-ilma ta' taht l-art ma tkunx teccedi metru kubu kull jum; u*

*(iii) li l-ilma li jittella' mis-sors tal-ilma ta' taht l-art ikun mill-akwifer ta' fuq it-tafal.*

---

[3] A fol. 46 sa 55 tal-process

*Il-provi li jinghataw lill-Awtorita` mill-utent ghandhom ikunu mehtiega ad validitatem."*

Illi **<u>sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art</u>** huwa definit fl-istess Regolamenti bhala ***"sors ta' ilma ta' taht l-art li jkun jinsab go fond residenzjali <u>u</u> meta l-ilma ta' taht l-art ikun jintuza jew jigi dikjarat mill-utent li jintuza ghal xi wiehed jew iktar mill-ghanijiet li gejjin:***

*"(a) ghal skopijiet tad-dar; u, jew*

*(b) ghall-mili ta' swimming pools; u, jew*

*(c) ghat-tisqija ta' gnien domestiku; u, jew*

*(d) biex jixorbu l-annimali mizmuma bhala annimali domestici izda ma tinkludix mahleb, qasam fejn jitrabbew il-hniezer, tjur jew rziezet ta' fniek jew xi uzu iehor intensiv jew kummercjali li ghandhom jigu meqjusa bhala uzijiet kummercjali u li ghandhom jigu metered skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti."*

Illi ghalhekk jirrizulta illi biex sors ta' ilma jaqa' fid-definizzjoni ta' "sors domestiku" irid ikollu zewg karatteristici u cioe:-

1. ikun f'fond residenzjali **<u>u</u>**
2. jintuza ghall-ghanijiet elenkati fl-istess definizzjoni

Illi minn ezami tal-applikazzjoni tar-rikorrent (a fol. 46 sa 52) jirrizulta illi huwa ddikjara li l-iskop tal-uzu tal-istess sors huwa **<u>ghat-tisqija</u>**.[4] Imbaghad, meta saret spezzjoni da parti tal-Ufficjali tal-Awtorita` intimata fil-fond tieghu, l-istess rikorrenti iddikjara li mill-istess sors **<u>jaghmel tisqija kemm barra mill-</u>**

[4] Ara Section C a fol. 48

**<u>istess proprjeta`, fl-istess proprjeta` u kif ukoll izid l-ilma tal-*pool*.</u>** Mill-istess dokumentazzjoni jirrizulta wkoll illi fis-sajf ir-rikorrent itella' madwar 50,000 gallun ta' ilma fil-gimgha.[5]

Illi l-Awtorita` intimata rragunat illi siccome` r-rikorrent iddikjara li kien qieghed jaghmel uzu domestiku mill-istess sors, allura l-istess sors ghandu jigi kkwalifikat bhala sors domestiku ta' ilma ta' taht l-art u ordnat l-gheluq tieghu.

Illi min-naha l-ohra, ir-rikorrent isostni li l-uzu principali tal-ilma li jigi estratt mill-istess sors imur biex isaqqi l-ucuh tar-raba, u ghalhekk jirrendi l-istess sors essenzjalment wiehed agrikolu.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata tat interpretazzjoni zbaljata lid-definizzjoni ta' sors domestiku tal-ilma ta' taht l-art u dan ghaliex hija waqfet biss fl-ewwel parti tal-istess definizzjoni u ma kkunsidratx it-tieni parti li hija komplimentari ghall-ewwel parti. Illi mix-xhieda ta' Miriam Micallef Sultana, rapprezentant tal-istess Awtorita`, jirrizulta illi l-Awtorita` intimata tikkunsidra sors bhala wiehed domestiku jekk dan ikun gewwa residenza. Pero r-Regolamenti, fid-definizzjoni ta' sors domestiku, ma jiqfux hemm. Jikkwalifikaw l-istess sors domestiku bhala wiehed li jrid ikun iservi l-ghanijiet imsemmija aktar 'il fuq.

Illi huwa veru li r-rikorrent ammetta li jzid ftit l-ilma tal-*pool,* u li waqt l-ispezzjoni li saret fis-26 ta' Mejju 2011 iddikjara li jsaqqi xi sigar madwar il-proprjeta` tieghu bl-istess ilma, pero jirrizulta ben car illi l-ghan principali tal-estrazzjoni tal-ilma mhix biex izid il-*pool* u lanqas biex isaqqi s-sigar ta' madwar id-dar. L-ghan principali tal-estrazzjoni mis-sors in kwistjoni huwa dak li jsaqqi ucuh tar-raba li huwa ghandu, tant li ghandu *bowser* appozitu biex igorr l-istess ilma mis-sors in kwistjoni ghal fuq l-istess ucuh.

[5] A fol. 54

Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, l-Awtorita` ma setghetx tieqaf fuq l-ewwel parti tad-definizzjoni ta' sors domestiku u tinjora kompletament it-tieni parti jew inkella tinterpretaha b'mod tant rigidu li ma jkunx jaqbel mal-ispirtu tal-istess regolamenti, liema spirtu hu proprju biex jigi kalkulat l-ilma li jittella' minn taht l-art. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-iskop tal-legislatur meta haseb ghal dawn ir-Regolamenti kien biex jaqta' l-abbuzi u li kull min itella' l-ilma minn taht l-art ghal skopijiet agrikoli b'certa kwantita ihallas ghalih.

Illi jsegwi ghalhekk illi s-sors tar-rikorrent, liema sors gie debitament notifikat skond ir-Regolamenti dwar in-Notifikazzjoni ta' Sorsi tal-Ilma ta' Taht l-Art, ghandu jigi mkejjel b'*meter* mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kif jista' jigi ordnat mill-Awtorita` intimata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Gunju 2011 ghandha tigi revokata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell interpost mir-rikorrenti u qieghed jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Gunju 2011 u jidderigi lill-istess Awtorita` intimat sabiex taghmel dak kollu necessarju sabiex is-sors tar-rikorrent jigi mkejjel b'*meter ai termini* tal-Legislazzjoni Sussidjarja 423.40.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------